**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 9 ta` Jannar, 2019.**

**Talba Nru: 462/2017PA**

**Camilleri Paris Mode Ltd**

**vs**

**Heritage Collection Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-2 ta` Ottubu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha s-somma ta` elfejn u tmintax-il Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€2,018.58ċ) rappreżentanti bilanċ ta` prezz ta` prodotti ġa mibjugħa u kkunsinjati lilha mill-istess soċjeta` attriċi fuq l-ordni tagħha stess, u dan skond l-*istatement* anness mal-Avviż tat-Talba bħala 'Dok. A'[1]. Bl-ispejjeż u bl-imgħax fuq is-*sorte* mid-data tal-*istatement* sal-effettiv paġament u dana bl-ogħla rata skond il-liġi.

[1] Fol. 2

Ra r-Risposta tas-soċjeta` konvenuta li permezz tagħha eċċepiet li: (i) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-prodotti li ġew mibjugħa u kkunsinjati lill-kumpanija konvenuta mill-kumpanija attriċi ma kinux tal-kwalita` mwiegħda, u bħall-kampjun li fuqu sar il-bejgħ; (ii) mingħajr preġudizzju, it-talba tal-kumpanija attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u (iii) salv risposti ulterjuri permessi mil-liġi, u b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-kumpanija konvenuta kontra l-kumpanija attriċi skond il-liġi in konnessjoni mal-bejgħ in kwistjoni u mad-danni li ġew sofferti mill-istess kumpanija konvenuta.

Sema' lix-xhieda mressqa mill-partijiet, u ra d-dokumenti ppreżentati minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi Heritage Collection Limited qed tipprosegwi kontra s-soċjeta` konvenuta għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta` materjali mibjugħa u konsenjati minnha lis-soċjeta` konvenuta. Fl-ewwel udjenza[2], id-difensur tas-soċjeta` konvenuta ċċara li n-nuqqasijiet li tilmenta minnhom l-assistita tiegħu kienu fil-*microcement* u fiż-żebgħa li xtrat mingħand is-soċjeta` attriċi, għaliex id-dehra tagħhom, meta wżati jew applikati, ma kinitx skond dik imwiegħda mis-soċjeta` attriċi, u lanqas skond dik murija minnha lis-soċjeta` konvenuta fuq kampjuni.

Is-soċjeta` attriċi ressqet b'xhud tagħha lil **Mark Camilleri**, kontrollur finanzjarju tagħha.[3]

Camilleri kkonferma li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma murija fl-*istatement of account* eżibit mal-Avviż tat-Talba. Qal li dan il-ħlas huwa dovut għal parti mill-prodotti li s-soċjeta` attriċi biegħet lis-soċjeta` konvenuta – li

[2] Ara verbal tal-udjenza tal-15 ta` Novembru 2017, fol. 8
[3] Ara xiehda, 15.11.2017, fol. 10-11

kienu jinkludu purtieri, *rails*, *blinds*, *upholstery items*, u *microcement*. Dwar il-*microcement*, ix-xhud qal li dan il-prodott huwa likwidu li jitħallat ma' kimika u jiġi applikat fuq wiċċ, li jista` jkun madum, biex jiġi qisu *cement*.

Dwar ir-raġuni għalxhiex is-soċjeta` konvenuta ma ħallsitx lis-soċjeta` attriċi, Camilleri qal li kien jaf li s-soċjeta` konvenuta ilmentat li xi prodott milli xtrat ma kienx tajjeb. Qal pero` li din il-verifika ma kinetx xogħlu, u ma kienx hu responsabbli li jindirizza dak l-ilment. Skond hu, il-prezz ta` *microcement* kien ilaħħaq sitt elef Ewro (€6,000), li minnu s-soċjeta` konvenuta ħallset erbat elef (€4,000) u żammet il-prodott, filwaqt li ħalliet dan il-bilanċ reklamat b'din il-kawża. Qal ukoll li s-soċjeta` attriċi ma tipprovdix servizz ta` applikazzjoni, u li s-soċjeta` konvenuta ħallset il-bqija tal-prezz tal-fornituri akkwistati minnha mingħand is-soċjeta` attriċi.

In kontroeżami, Camilleri qal li kellu bżonn jivverifika jekk is-soċjeta` attriċi kinetx biegħet ukoll lis-soċjeta` konvenuta materjal ta` żebgħa.

Is-soċjeta` attriċi pproduċiet ukoll b'xhud tagħha lil **Mirko Portelli**,[4] *sales logistics* u *customer relations officer* tagħha. Huwa spjega li kien intalab ibiegħ *microcement*, biex jiġi applikat fuq art u ħitan ta` kmamar tal-banju f'lukanda partikolari, u ħa ħsieb juri xi prodotti u x'servizzi kienet toffri f'dan ir-rigward is-soċjeta` attriċi. Qal li kien jikkomunika ma' Natasha Borg, għas-soċjeta` konvenuta, u li kien avżaha li s-soċjeta` attriċi kienet tforni l-materjali mingħajr ma tipprovdi s-servizz ta` applikazzjoni, għalkemm setgħet tissuġġerilhom nies li kienet taf li jafu jagħmlu dak ix-xogħol.

Portelli kompla jispjega li s-soċjeta` konvenuta kienet iddeċidiet li tixtri l-prodott li wera hu. Qal li r-rappreżentanti tas-soċjeta` konvenuta kienu marru fil-lok tan-neġozju tas-soċjeta` attriċi fir-Rabat, fejn raw il-prodott flimkien mal-persuna li kienu nkarigaw biex tapplikah fuq rakkomandazzjoni tas-soċjeta` attriċi. Qal li f'dan il-lok raw kampjuni ta` *microcement* applikat fuq *boards* u fuq madum.

[4] Ara xiehda, 15.11.2017, fol. 12-14

Portelli kompla jispjeġa li, sussegwentement, kellmuh kemm Trevor Zahra u anke Natasha Borg għaliex kellhom ilmenti fuq il-prodott – ma tax ir-riżultat mixtieq, u kien qed joħroġ trab abjad minnu. Qal li mar fuq il-post biex jara din id-diffikulta`, u anke ħa r-ritratti, li mbagħad bagħathom lill-fornituri tas-soċjeta` attriċi. Huwa rrapporta li dawn il-fornituri kienu ċerti li l-okkorrenza kienet dovuta għall-umdita` li kien hemm fil-post fejn kien qed jiġi applikat il-*microcement*. Portelli żied jgħid li s-soċjeta` attriċi kellha suspett li min kien qed japplikah ma kienx qed japplika l-verniċ kif suppost, u b'hekk l-ilma kien qed jibqa' jgħaddi, u għalhekk issuġġeriet lis-soċjeta` konvenuta biex tqabbad lil ħaddieħor japplika l-prodott mill-ġdid fl-istess kmamar tal-banju. Qal li kien anke mar fuq il-post il-fornitur tas-soċjeta` attriċi, minn Franza, u li wara t-tieni applikazzjoni l-problema ma reġgħetx ħarġet.

Portelli xehed li l-*verniċ* jipproteġi lill-*microcement* mill-ħsara li tiġrilu bl-ilma, u li l-verniċ tissuppliħ ukoll is-soċjeta` attriċi.

Skond Portelli, is-soċjeta` attriċi kienet ikkonkludiet li l-kaġun tal-ħsara lis-soċjeta` konvenuta ma kienx materjal difettuż, imma applikazzjoni ħażina tal-materjal tajjeb, u għalhekk baqgħet tinsisti għall-ħlas. Huwa insista wkoll li s-soċjeta` attriċi m'għandhiex relazzjoni ma' min applika l-prodott, għaliex mhux impjeġat tagħha.

Fir-rigward taż-żebgħa, Portelli qal li kien mar huwa stess jivverifika fil-lok tas-soċjeta` konvenuta, u kkonferma li kien hemm postijiet fejn id-dehra taż-żebgħa applikata ma kinitx l-istess bħall-bqija, u dan b'mod partikolari fejn kien sar tikħil taħt iż-żebgħa. Dan ivverifikah ukoll il-furnitur tas-soċjeta` attriċi, li huwa l-istess fornitur tal-*microcement*, li offra li jinvestiga l-kaġun ta` din il-problema, imma minħabba li x-xogħlijiet kienu fi stadju avvanzat, u li l-marki kienu ser jitgħattew bl-għamara, is-soċjeta` konvenuta ma kinetx interessata f'aktar investigazzjoni. Huwa eskluda li d-difett kien dovut għal xi nuqqas fiż-żebgħa nnifisha, għaliex qal li ma kienx hemm tqaxxir fiha.

Is-soċjeta` attriċi ppreżentat nota bi *Transaction History*[5], u kopja tal-fatturi kollha għall-bejgħ li sar mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta minn Novembru 2015 sa Ġunju 2017.[6] Dawn id-dokumenti kkonfermahom Mark Camilleri[7], bi tweġiba għall-mistoqsija li saritlu fil-kontroeżami. Camilleri ppreżenta wkoll kopja ta` korrispondenza bl-email[8] li għaddiet bejn is-soċjeta` attriċi u Trevor Zahra għas-soċjeta` konvenuta, bi prova li s-soċjeta` attriċi kkomunikat mas-soċjeta` konvenuta biex tinstab soluzzjoni, pero` d-diffikulta` kienet dovuta għall-applikazzjoni ħażina tal-materjali da parti tat-terżi nkarigati mis-soċjeta` konvenuta.[9]

Is-soċjeta` attriċi ressqet ukoll b'xhud tagħha lil **Peter Mallia**,[10] li qal li għandu kumpanija fi Franza li tipproduċi u tibgħat il-materjali in kwistjoni lis-soċjeta` attriċi.

Mallia qal li jiftakar li kien involut f'korrispondenza elettronika li għaddiet bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet f'din il-kawża. Qal li l-avviż dwar l-ilment tatulu l-ewwel is-soċjeta` attriċi, u mbagħad ikkomunika direttament ma' Trevor Zahra u Natasha Borg għas-soċjeta` konvenuta. Qal li kien mar jara l-materjal applikat, u l-posizzjoni tagħhom kienet mill-bidu nett li n-nuqqas ma kienx fil-materjal imma fl-applikazzjoni tiegħu. Ix-xhud qal li għamlu ħafna proġetti bl-istess materjal prodott minnhom, u qatt ma kellhom problemi ħlief minħabba l-applikazzjoni tiegħu, għaliex min japplikah ma jsegwix l-istruzzjonijiet mogħtija. Qal li kull meta ntalab jagħti garanzija, dejjem insista li l-garanija jagħtiha biss meta l-applikazzjoni ssir mill-impjeġati tiegħu. F'dan il-każ, is-soċjeta` konvenuta kien dehrilha li kienet tiġi tiswieha wisq biex iġġib l-impjeġati tiegħu minn barra japplikaw dan il-prodott.

In kontroeżami[11], Mallia qal li l-kumpanija tiegħu fi Franza jisimħa *'The Little Shop'*, u li fis-suq Malti din il-kumpanija tbiegħ biss lis-soċjeta` attriċi. Il-kumpanija tiegħu tibgħat is-*cement* fil-kwantijiet meħtieġa għat-taħlita partikolari, u s-soċjeta` attriċi

---

[5] Fol. 20
[6] Fol. 21 sa 45
[7] Ara xiehda, 5.12.2018, fol. 48
[8] Dok. C, fol. 54 sa 57
[9] Ara xiehda, 5.12.2018, fol. 50
[10] Ara xiehda, 5.12.2018, fol. 52-53

għandha makkinarju partikolari biex tibdillu l-kulur minn abjad għall-lewn magħżul mill-klijent.

Mallia kompla jgħid li Trevor Zahra u Natasha Borg għas-soċjeta` attriċi tkellmu diversi drabi miegħu dwar l-ilmenti li kellhom, u li anke hu kien mar jara t-tbajja' fil-lukanda tagħhom. Huwa nsista li, fil-fehma tiegħu, id-difett kien dovut għall-umdita` fl-arja, u għaliex l-ambjenti ma nksewx b'ammont suffiċjenti ta` *sealer*. Huwa qal li ma kienx jaf li s-soċjeta` konvenuta ffaċċjat l-istess difett f'loki oħra tagħha fejn użat l-istess żebgħa provduta mis-soċjeta` attriċi u manifatturata mill-kumpanija tiegħu.

Mallia ammetta li din il-kwistjoni baqgħet ma ssolvietx. Filwaqt li ftakar li kien wera l-prodotti lil Steve Morris, Mallia ċaħad li kien ħarrġu fl-applikazzjoni tagħhom. Qal li kien issuġġerixxa lis-soċjeta` konvenuta biex tqabbad lil xi ħadd differenti, billi skond hu n-nuqqas kien fl-applikazzjoni, u kien issuġġerixxa lil xi ħadd li kien ħarreġ huwa stess kunjomu Fleri Soler. Skond hu, eventwalment, kien huwa stess li waqqaf lil dan Fleri Soler milli jkompli bl-applikazzjoni, għaliex Natasha Borg u Trevor Zahra bdew jippretendu li x-xogħol biex isiru mill-ġdid il-ħitan kollha kellu jsirilhom mingħajr ħlas. Mallia qal li din it-talba ma setax jilqagħha, għax b'hekk kien ikun qed jammetti li naqas.

In rieżami, Morris iċċara li lil Fleri Soler kien waqqfu wara li ta l-ewwel kisja *sealer*, u kien jonqsu jagħti waħda jew tnejn oħra.

Morris żied jgħid ukoll li, meta nqalgħet il-problema, kien ta struzzjoni lil Mirko Portelli biex imur fuq il-post u jwaddab l-ilma fuq l-uċuħ fejn ħarġu t-tbajja'. Jekk l-ilma jinxtorob mill-wiċċ, allura s-*sealer* applikat ma jkunx suffiċjenti. Hekk irrappurtalu Portelli li ġara f'dan il-każ. Qal ukoll li vverifikaw il-materjali mibgħuta, u l-verifiki wrew li l-materjali kienu tajbin.

---

[11] Ara xiehda, 10.12.2018

Fuq domanda tat-Tribunal, Mallia qal li qatt ma kellhom problema simili b'dan il-prodott f'Malta. Spjega li t-tbajja' jistgħu joħorġu minħabba umdita` żejda, inkella għax il-prodott jiġi applikat f'temperatura ta` -5°C. Billi t-tieni possibilita` żgur ma kinetx il-każ, allura ċertament li d-difett kien dovut għall-umdita` żejda.

Fl-aħħarnett, Morris irrapporta li, fil-kors ta` din il-kawża, Fleri Soler kien staqsieh kellux diffikulta` ibiegħ aktar minn dan il-materjal lis-soċjeta` konvenuta, wara dak li ġara.

Is-soċjeta` konvenuta ressqet b'xhud tagħha lid-direttur maniġerjali tagħha **Trevor Zahra**[12].

Huwa spjega li f'xi żmien, is-soċjeta` konvenuta kienet qed tiżviluppa dar antika fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, biex tikkonvertiha f'lukanda tat-tip *boutique hotel*. Parti mix-xogħol kien jikkonsisti fid-disinn tal-kmamar tal-banju. Kellhom rakkomandazzjoni li jixtru l-materjali mingħand is-soċjeta` attriċi – dawn kienu jinkludu *microcement*, li huwa prodott fin ħafna li jiġi applikat fuq il-madum u jagħti finitura lixxa ħafna. Marru jaraw dan il-prodott applikat fil-lok tan-neġozju tas-soċjeta` attriċi fir-Rabat, fejn din kellha kamra tal-banju armata bih. Din il-viżta nzammet fl-24 ta` Awissu 2015, u attendew għaliha x-xhud, Natasha Borg u Mirko Portelli. Għamlu l-ordni u f'Ottubru ħallsu d-depożitu. Biex japplika l-prodott, is-soċjeta` attriċi kienet irrakkomandat persuna, u s-soċjeta` konvenuta aċċettat dik ir-rakkomandazzjoni. Dan kien Steve Morris, u kien preżenti wkoll għall-laqgħa fir-Rabat.

Ix-xhud kompla jgħid li, qabel dik il-laqgħa, Mirko Portelli kien attenda fil-post tagħhom tal-Belt, ra l-lok fejn kellu jiġi applikat dan il-prodott u kkonferma li l-ambejnti kienu sodisfaċenti biex jiġi applikat il-*microcement*. Kien issuġġerixxa li l-ħitan tal-kmamar tal-banju jitgħattew b'folji tal-ġibs biex jilqgħu għall-umdita`, u Steve Morris kien irrakkomanda li ssir bażi tal-konkos mal-art għall-istess skop. Is-soċjeta` attriċi wettqet dawn ix-xogħlijiet ukoll. Morris kien issuġġerixxa wkoll li l-konkos jitħalla

[12] Ara xiehda, 20.3.2018, fol.

jinxef għal tlett xhur, u mbagħad jinkesa bil-*liquid membrane*. Anke dan ix-xogħol kien twettaq mis-soċjeta` konvenuta. Ix-xhud ippreċiża li l-konkos tal-art sar f'Lulju 2015, u f'Jannar 2016 Steve Morris kien mar jiżba' fuqu bil-*liquid membrane*.

Skond ix-xhud, Morris applika l-*microcement* fil-kmamar tal-banju fl-1 ta` April 2016. Il-*mixing ratios* kienet ipprovdiethom is-soċjeta` attriċi lil dan Morris.

Ix-xhud kompla jgħid li, fit-3 ta` April 2016, Morris irrappurtalhom li l-*microcement* kien likwidu wisq, u x-xhud wassal dan l-ilment lis-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` attriċi wieġbet inizjalment li kienet ser tibgħat lil Morris *primer* differenti, imbagħad bagħtet lil Mirko Portelli biex jara x'kien ġara. Oltre li l-prodott kien likwidu wisq, il-*ġonot* tal-folji tal-ġibs kienu qed jibqgħu jidhru. Bdiet korrispondenza bejn ir-rappreżentanti tas-soċjeta` konvenuta, ir-rappreżentanti tas-soċjeta` attriċi u r-rappreżentant tal-manifattur. Sadanittant, żdiedet problema oħra għaliex bdew ħerġin tbajja' bojod.

Ix-xhud irrapporta li, skond Mallia, in-nuqqasijiet kienu dovuti għall-umdita`, u possibilment għal li Morris ma segwiex b'reqqa l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mis-soċjeta` attriċi. Mallia aċċeda fil-lok fit-28 ta` April 2016, u ma kienx kuntent bir-riżultat. Għal din il-laqgħa attendew ix-xhud, Natasha Borg, Morris, Mallia u Portelli, u Mallia wiegħed li kien ser isib soluzzjoni ma' Morris. Wara dan, Morris kompla japplika l-prodott fuq struzzjonijiet diretti mingħand Mallia u x-xogħol kien lest sal-24 ta` Ġunju 2016. Ir-riżultat xorta ma kienx sodisfaċenti, u din id-darba s-soċjeta` attriċi qalet li dan kien dovut għal li l-ambjent ma kienx nadif kif ftiehmu li kellu jkun fil-laqgħa ta` April 2016.

Wara dan, Portelli għas-soċjeta` attriċi offra li din tinkorri l-ispiża biex Morris jixkatla l-art fejn kien hemm it-tbajja' u jerġa' japplika l-prodott, u Morris offra skont fuq prodotti oħra tagħhom. Ix-xogħol reġa' sar, pero` f'Awissu 2016 reġgħu ħarġu t-tbajja'. Morris reġa' ngħata struzzjoni biex jerġa' jixkatla l-art, u japplika l-prodott mill-ġdid,

pero`, skond ix-xhud, kull darba li kien qed isir dan, il-problema kienet qed taggrava. Mallia baqa' jinsisti li d-difett kien dovut għall-umdita` li kienet tiela' mill-art.

Ix-xhud kompla jgħid li, fi Frar 2017, Peter Mallia u Mirko Portelli reġgħu żaru l-lukanda u raw it-tbajja' u d-diffikultajiet fil-kmamar tal-banju, u Mallia qal li l-problema kienet relatata mal-verniċ, u li allura kien qed jgħaddi l-ilma mill-wiċċ. Dakinhar stess, Natasha Borg ġibdet l-attenzjoni ta` Mallia li kellhom problema anke biż-żebgħa li xtraw mingħandhom, u li kienet ġiet applikata fil-kmamar tas-sodda. L-għada, is-soċjeta` attriċi bagħtet lil Robert Fleri Soler japplika l-materjali mill-ġdid. Meta l-klijenti bdew jużaw il-kmamar tal-banju regolarment, it-tbajja' bojod bdew jidhru aktar. Is-soċjeta` attriċi u Mallia ma kinux lesti jiggarantixxu l-prodott applikat, minħabba li l-applikazzjoni m'għamluhiex huma, u x-xhud ma kienx lest jinkorri l-ispiża li jinġiebu l-ħaddiema tas-soċjeta` attriċi u ta` Mallia minn Franza biex is-soċjeta` konvenuta tingħata din il-garazija.

Ix-xhud qal li d-difetti reġgħu ħarġu anke wara x-xogħol li għamel Fleri Soler, u f'dak il-punt is-soċjeta` konvenuta talbet lis-soċjeta` attriċi tneħħi l-materjali kollha tagħha, ħalli s-soċjeta` konvenuta tkun tista` tapplika materjali differenti, u ssolvi l-problema. Għal din it-talba, is-soċjeta` attriċi baqgħet ma weġbitx.

Zahra ppreżenta kopja ta` diversi korrispondenza elettronika li għaddiet bejn il-partijiet u Peter Mallia[13], u ritratti tad-difetti riskontrati mis-soċjeta` konvenuta[14].

In kontroeżami, Trevor Zahra spjega li l-ħsarat fil-kmamar tal-banju jinsabu mal-art, fil-kantunieri, mad-dawra fejn ix-*showers* u fix-*showers* ukoll.

Rinfaċċjat b'korrispondenza elettronika fejn jingħad li Steve Morris uża materjali tiegħu u mhux tas-soċjeta` attriċi, ix-xhud qal li, sa fejn jaf hu, dan ma kienx il-każ, pero`

[13] Fol. 74 sa 101
[14] Fol. 102 sa 123

hu ma kienx preżenti l-ħin kollu ma’ Morris waqt li kien qed jaħdem fil-lukanda tagħhom.

Fuq il-kwantita` ta` materjal konsenjat mis-soċjeta` attriċi, Zahra ppreċiża li huma kienu taw il-qisien lis-soċjeta` attriċi, u mbagħad din ikkalkulat kemm kienu meħtieġa materjali.

Dwar il-kapaċita` ta` Morris u x-xogħol ipprestat minnu, Zahra qal li dan kien wieħed mill-aħjar ħaddiema li kellhom fix-xogħol ta` rinovar tal-lukanda, u li kien ikkummenta li ma kinetx togħġbu s-sistema ta` kif is-soċjeta` attriċi dderiġietu biex japplika l-prodott tagħha.

Ix-xhud ċaħad li xtraw materjali mingħand Morris, għalkemm ammetta li Morris ipprova jbiegħilhom il-materjali tiegħu. Ix-xhud ippreċiża li, dawk il-materjali kienu rawhom qabel raw il-materjali tas-soċjeta` attriċi, pero` xorta għażlu dawn tal-aħħar għaliex il-kampjun li kienu raw kien għoġobhom aktar.

Ix-xhud ċaħad li kien hemm it-trabijiet meta kien qed jaħdem Morris. Huwa spjeġa li, għalkemm kienu għaddejjin xogħlijiet fil-kantina fl-istess ħin, Morris kien jagħlaq lilu nnifsu fl-ambjenti fejn kien ikun qed jaħdem, wara li jitnaddfu mit-trabijiet, u l-aperturi jingħalqu bil-*plastik* biex żgur ma jidħolx trab.

Ix-xhud insista li qatt ma qal li ma riedx iħallas lis-soċjeta` attriċi tal-prodott mibjugħ u kkonsenjat minnha, pero` nsista li s-soċjeta` konvenuta tirċievi l-prodott imwiegħed.

In ri-eżami, Zahra qal li l-aħħar applikazzjoni bil-prodotti tas-soċjeta` attriċi saret minn Robert Fleri Soler, inkarigat minnha. Irrapporta li, preżentement, it-tbajja’ bojod għadhom hemm, u baqgħu ħerġin, u dawn jagħtu dehra ta` ħmieġ lill-ambjenti fejn jinstabu. Qal ukoll li l-art tal-kmamar tal-banju trid issir mill-ġdid minħabba d-difetti kbar li fiha.

Is-soċjeta` konvenuta ressqet ukoll b'xhud tagħha lil **Max Gatt**[15], *general manager* tal-Coleridge Hotel, proprjeta` tas-soċjeta` konvenuta, bejn Settembru 2016 u Mejju 2018.

Gatt qal li, meta beda fl-impjieg, il-lukanda kienet qed tiġi renovata u kien għad ma hemmx klijenti. Kienet qed issir iż-żebgħa, u kien sar ftit mill-*microcement*. Huwa rrapporta li xi kmamar żebgħuhom minn disa' sa tnax-il darba, u sakemm telaq hu, il-problema kienet għadha ma ssolvietx. Il-bajjad ilmenta miegħu li l-kisi b'xejn ma seta` jitgħatta. F'parti minnhom, ħajt kellu jitgħatta bi gwardarobba biex jinħeba l-kisi li baqa' jidher minn taħt iż-żebgħa.

Dwar il-*microcement*, ix-xhud qal li dan kien qed jittebba' bl-abjad, kemm mal-art u anke mal-ħitan. It-tbajja' ħarġu anke wara t-tieni applikazzjoni, u baqgħu dejjem jikbru. Skond ix-xhud, lil Steve Morris ma kienx jogħġbu l-prodott u rrapporta li kien ikkummenta miegħu li l-materjal kien għali, pero` ma kienx jiswa prezzu.

In kontroeżami, Gatt ċaħad li kienu użaw żebgħa differenti, u ddikjara li Morris qatt ma kien semmielu prodotti tiegħu jew prodotti differenti minn dawk li kien qed jaħdem bihom.

Is-soċjeta` konvenuta ressqet ukoll b'xhud tagħha lil **Steve Morris**[16].

Ix-xhud spjega li rċieva taħriġ mis-soċjeta` attriċi biex japplika prodotti tagħha, xogħol dan li jispeċjalizza fih, u li tqabbad mis-soċjeta` konvenuta biex jagħmel din l-applikazzjoni f'lukanda tagħha fil-Belt Valletta fuq rakkomandazzjoni tas-soċjeta` attriċi.

Huwa qal li kien mar fil-lukanda tas-soċjeta` konvenuta u ħa l-qisien, għamel il-kalkoli tiegħu, u mbagħad għadda l-informazzjoni lis-soċjeta` attriċi. Qabel dan, ħu flimkien mar-rappreżentanti tas-soċjeta` konvenuta kienu marru fil-ħanut tas-soċjeta`

---

[15] Ara xiehda, 3.10.2018, fol. 135-136
[16] Ara xiehda, 31.10.2018, fol. 139 sa 141

attriċi fir-Rabat biex jaraw kampjun tal-prodott li kien ser japplika hu. Qal ukoll li, waqt l-applikazzjoni tal-materjali, kien qed jirċievi struzzjonijiet mingħand is-soċjeta` attriċi, pero` meta segwa dawk l-istruzzjonijiet, induna li l-prodott kien qed jibqa' likwidu wisq, u f'dan ra distinżjoni bejn xogħlijiet preċedenti li għamel bl-istess prodott. Għalhekk kien avża b'dan lis-soċjeta` attriċi, li dderiġietu jħallat aktar *cement* mat-taħlita. Huwa wera t-tħassib tiegħu li dan seta` jbiddel il-kulur tal-prodott, pero` s-soċjeta` attriċi assiguratu li ma kienx il-każ. It-taħlita xorta baqgħet likwida ħafna, u x-xhud qal li baqa' jżomm lis-soċjeta` attriċi nfurmata. Minħabba f'hekk, l-applikazzjoni kienet diffiċli, pero` għamilha, u mbagħad applika żewġ saffi ta` *sealer*. Pero` meta lesta ra li kienu ħarġu tbajja' li qatt ma ra bħalhom meta uża dan il-prodott, u avża b'dan lil Mirko Portelli, li qallu li kien qed jitkellem ma' Peter Mallia.

Morris kompla jgħid li Mallia taħ struzzjoni biex jobrox it-tbajja', inaddaf u jħalli l-wiċċ jinxef, imbagħad jerġa' japplika s-*sealer*. Ir-riżultat deher tajjeb, u għalhekk ngħata struzzjoni biex ikompli bit-tieni passata, pero` ftit ġranet wara reġgħu ħarġu t-tbajja', u mbagħad ġie jara x'ġara Peter Mallia.

Ix-xhud wera l-fehma li Mallia ma sabx il-kaġun tal-problema. Qal li, wara dik il-laqgħa, ma reġax kien involut f'din il-kwisjtoni. Morris qal li qatt ma kellu din il-problema mis-sena 2011 'l hawn, kemm kien ilu jaħdem b'dan il-prodott, u rrapporta li s-soċjeta` attriċi kienet tal-fehma li d-diffikulta` kienet dovuta għall-umdita`. Huwa pero` ma qabilx, għaliex insista li kien naddaf u għamel ix-xogħol preparatorju kollu, u b'reqqa. Semma' fost oħrajn il-folji tal-ġibs, il-kwalita` tagħhom u kif kienu tpoġġew. Qal li l-prodott applikah fuq dawn il-folji, u mhux fuq il-ħitan. Semma' li ġieli kellu problemi bl-applikazzjoni ta` dan il-prodott f'Malta, u b'eżempju aċċenna għal każ ta` ħanut f'Ta` Sliema fejn kellu jagħti tlett passati żejda biex ir-riżultat kien dak mixtieq.

Ix-xhud wera l-fehma li l-kaġun tal-problema kien is-*sealer*, li pprovdietu s-soċjeta` attriċi wkoll. Ix-xhud qal li jaf li s-soċjeta` attriċi kienet inkarigat persuna oħra biex tapplika l-prodott tagħha wara li lesta x-xogħol hu, pero` r-riżultat kien difettuż bħal fil-każ tiegħu, u dan ir-riżultat rah b'għajnejh f'Marzu 2017.

In kontroeżami[17], Steve Morris wera l-fehma tiegħu li, fiċ-ċirkostanza in eżami, dan il-prodott ma ħarigx tajjeb għaliex, filwaqt li f'okkażjonijiet preċedenti, id-diffikultajiet li rrinfaċċjaw, irnexxielhom isolvuhom, f'dan il-każ ma rnexxielhomx. Morris kompla jgħid li, kull meta applika dan il-prodott qabel il-każ in eżami, dejjem ta aktar minn kisja waħda ta` *base coat*. F'dan il-każ, is-soċjeta` attriċi idderiġietu biex jagħti kisja waħda biss, u ħu wera fehma differenti. Ix-xhud enfasizza l-likwidita` żejda li ra fil-prodott, u nsista li kien ġibed l-attenzjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi (Mirko Portelli) dwar dan. Huwa ċaħad li qatt irċieva filmat mingħand Peter Mallia li urieħ kif kellu japplika dan il-prodott.

Morris insista li huwa segwa b'mod sħiħ l-istruzzjonijiet tas-soċjeta` attriċi dwar it-taħlit tal-materjali provduti minnha. Biex jipprova jgħaqqad it-taħlita, żied 10% aktar *cement,* meta s-soċjeta` attriċi dderiġietu jagħmel dan mingħajr ma kkwantifikatlu kemm iżid. Huwa spjega li, b'din il-kwantita` żejda, il-kulur tal-prodott ma nbidilx wisq. Il-problema kienet li t-taħlita baqgħet likwida. Morris ammetta li jimporta *microcement* ta` ditta differenti minn dak fornut mis-soċjeta` attriċi, pero` nsista li ma użax materjali minn tiegħu fit-taħlita li għamel f'dan il-każ. Il-materjal tiegħu qal li użah taħt il-prodott fornut mis-soċjeta` attriċi, u insista li dan għamlu biex jelimina xi difetti li kien hemm.

Ix-xhud ikkonferma li s-soċjeta` attriċi ħadet il-qisien, u pprovdiet bizzejjed materjali, pero` s-soċjeta` konvenuta kellha tordna materjali addizzjonali biex tirranġa difetti li rriżultaw wara li l-prodotti ġew applikati minn ħaddieħor.

Morris qal li kien ilmenta mal-partijiet konċernati dwar li fis-sit fejn kellu jaħdem kien hemm wisq nies jaħdmu, u xogħol għaddej, u li dan kollu seta` jinterferixxi fl-effettivita` tas-*sealer*. Eventwalment, pero`, is-sit tnaddaf u tbattal.

Fuq domanda tat-Tribunal, ix-xhud qal li qatt ma kellu problema ta` likwidita` żejda fil-prodotti fornuti mis-soċjeta` attriċi qabel dan il-każ, u dak iż-żmien huwa kien diġa' jimporta l-prodotti tiegħu. Qal li t-tbajja' bojod bdew jidhru wara l-ewwel kisja

[17] Ara xiehda, 20.11.2018, fol. 143 sa 146

*sealer*. Huwa spjeġa li, jekk is-*sealer* imiss mal-ilma, jiġi abjad u msaħħab. Qal ċar pero` li ma ntraċċa ebda ilma qabel applika s-*sealer*, li l-ħitan kienu xotti għal kollox u li l-apparat li uża biex applika s-*sealer* kien nadif u niexef.

Morris iddikjara li kien tħarreġ minn Peter Mallia u mhux mis-soċjeta` attriċi.

Fir-rieżami, Morris ippuntwalizza li ma kien hemm ebda differenza fid-dehra tar-riżultat bejn fejn applika l-prodotti tiegħu, u fejn applika biss prodotti tas-soċjeta` attriċi. Qal li l-post tnaddaf, u tbattal, qabel ma applika s-*sealer*. Huwa insista li ma ngħatax raġuni għalxhiex is-soċjeta` attriċi dderiġietu jagħti kisja waħda ta` *sealer* f'dan il-każ, u mhux żewġ kisjiet kif għamlet f'każijiet oħra fejn applika dan il-prodott fornut minnha. Huwa ddikjara li r-riżultat wara l-eżekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu ma kienx bħall-kampjun li ntwerew ir-rappreżentanti tas-soċjeta` konvenuta mis-soċjeta` attriċi. Żied jgħid ukoll li, wara dan il-każ, ma reġax ħadem b'dan il-materjal.

Is-soċjeta` konvenuta ressqet ukoll b'xhud tagħha lil **Natasha Borg**. [18]

Dwar il-problemi biż-żebgħa fornuta mis-soċjeta` attriċi, Borg qalet li l-problema kienet li jagħtu kemm jagħtu passati biha – anke seba' passati – il-kisi ta` taħtha jibqa' jidher, u dan ġralhom mhux biss fil-lukanda tal-Belt, imma anke f'sit ieħor fis-Swieqi. Ir-risposta li ħadet mingħand Mirko Portelli għal dan l-ilment kienet li għażlet żebgħa fina wisq, u li darb'oħra kellha tagħżel żebgħa aktar ħarxa ta` ditta differenti. Din il-problema b'hekk baqgħet mhux solvuta.

Dwar ix-xogħol eżegwit minn Robert Fleri Soler, Borg qalet li, sa fejn taf hi, dan applika l-*microcement* mal-art imma ma ħadimx fuq il-ħitan. Anke din il-problema baqgħet mhix solvuta.

Ix-xhud ippreżentat kopja ta` ittra uffiċjali li s-soċjeta` konvenuta intavolat fl-10 ta` Ottubru 2018 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra s-soċjeta` attriċi.[19]

[18] Ara xiehda, 10.12.2018

In kontroeżami, Borg iċċarat li t-tbajja' ma reġgħux ħarġu immedjatament wara li lesta x-xogħol Fleri Soler. Hija insistiet li dan kien inkarigat biss biex jaħdem bi prova fuq l-art tal-kmamar tal-banju fit-tielet sular, u mhux ukoll fuq il-ħitan.

Dwar il-materjali li xtraw fil-kors ta` din il-kawża, Borg qalet li dawn saru meħtieġa għaliex inqasam pajp, u kellhom jirrimpjazzaw dik il-parti. Morris ma setax jagħmel dan ix-xogħol, u allura s-soċjeta` attriċi nkarigat lil Fleri Soler.

Dwar l-inkarigu mogħti lil Fleri Soler, reġa' xehed **Trevor Zahra**[20], li kkonferma li dan kien inkarigat minn Peter Mallia biex jagħmel l-art tal-kmamar fit-tielet sular. Wara xi sitt ijiem xogħol, Fleri Soler kien ikkonferma lil Zahra li x-xogħol kien lest u li setgħu jużaw il-kmamar. Dak il-ħin, ir-riżultat deher tajjeb, pero` biż-żmien reġgħu ħarġu t-tbajja'. Zahra żied jgħid li Fleri Soleri ma tħallasx mis-soċjeta` konvenuta. Huwa kkonferma wkoll li l-materjali mixtrija fil-kors ta` din il-kawża kienu meħtieġa biex tiġi rimpjazzata parti żgħira minn kamra tal-banju fejn inqasam pajp.

In kontroeżami, Zahra qal li l-inkarigu mogħti lil Fleri Soler kien intiż biex is-soċjeta` attriċi u Peter Mallia jittestjaw l-applikazzjoni tal-materjali mal-art. Qal li huma talbu liż-żewġ kumpaniji biex jitneħħa l-materjal kollu applikat, u jħallsu biex ix-xogħol isir mill-ġdid, mingħajr ma s-soċjeta` konvenuta tħallas xejn, pero` dwar dan is-soċjeta` konvenuta qatt ma rċeviet risposta.

Ikkunsidra wkoll li:

Mill-provi voluminużi li sema' t-Tribunal dwar dan il-każ, u li ta sunt tagħhom aktar 'il fuq f'din is-sentenza, irriżulta li mhux kontestat bejn il-partijiet li:

(i) is-soċjeta` attriċi timporta materjali ta` żebgħa u *finishing* manifatturati mill-kumpanija *'The Little Shop'* fi Franza;

---

[19] Ara Dok. NB1
[20] Ara xiehda, 10.12.2018

(ii) is-soċjeta` konvenuta kienet rat kampjun tar-riżultat bil-*microcement* impurtat mis-soċjeta` attriċi, u fuq dak il-kampjun xtrat mingħandha dan il-materjal għall-kmamar tal-banju ta` lukanda li kienet qed tirranġa fil-Belt Valletta, oltre li xtrat ukoll iż-żebgħa;

(iii) is-soċjeta` attriċi aċċediet fl-ambjenti ta` din il-lukanda qabel ma biegħet il-prodotti lis-soċjeta` konvenuta, u għamlet il-kalkoli tagħha dwar il-kwantita` meħtieġa għall-iskopijiet tas-soċjeta` konvenuta;

(iv) is-soċjeta` attriċi issuġġeriet li s-soċjeta` konvenuta tinkariga lil Steve Morris biex iwettaq ix-xogħlijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-materjali fornuti minnha, minħabba li kellu t-tagħrif jew it-taħriġ meħtieġ;

(v) is-soċjeta` konvenuta aċċettat dan is-suġġeriment, u filfatt inkarigat lil Steve Morris għal dan ix-xogħol;

(vi) is-soċjeta` attriċi rrakkomandat li mal-ħitan jitpoġġew folji tal-ġibs minħabba fl-umdita`, u s-soċjeta` konvenuta daħlet fl-ispiża li tixtri u tqiegħed dawn il-folji kif idderiġietha s-soċjeta` attriċi;

(vii) Morris irċieva struzzjonijiet tekniċi direttament mingħand is-soċjeta` attriċi kif iħallat, u japplika, l-materjali fornuti minnha;

(viii) wara li r-rappreżentanti tas-soċjeta` konvenuta lmentaw mit-tbajja' bojod li ħarġu fuq l-uċuħ fejn Morris applika l-*microcement* fornut mis-soċjeta` attriċi, intervjena Peter Mallia, li huwa d-diriġent ewlieni tal-produttur *'The Little Shop'*, li żar anke l-lukanda u rahom b'għajnejħ, u inizjalment ta direzzjonijiet lil Morris dwar l-applikazzjoni, u sussegwentement inkariga flimkien mas-soċjeta` attriċi lil terż – ċertu Robert Fleri Soler <u>li ma xehedx f'din il-kawża</u> – bi spejjeż tiegħu u tal-istess soċjeta` attriċi, sabiex ineħħi l-materjal applikat fuq l-art tal-kamra jew kmamar tal-banju fit-tielet sular u japplikah mill-ġdid;

(ix) minkejja dan kollu, it-tbajja' bojod fejn ġie applikat il-*microcement* baqgħu hemm, u żdiedu, u l-marki tal-kisi taħt iż-żebgħa baqgħu jidhru sallum.

Id-diverġenza prinċipali bejn il-partijiet f'din il-kawża tirrigwardja l-kaġun tad-difetti li hemm fir-riżultat tal-applikazzjoni tal-materjali provduti mis-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` attriċi, u l-fornitur tagħha, jinsistu li ma jiggarantux ir-riżultat ladarba l-

applikazzjoni ma tkunx saret minn impjeġati tal-fornitur, imħarrġa apposta għall-mestier. Għalkemm kienet is-soċjeta` attriċi stess li ssuġġeriet li s-soċjeta` konvenuta tinkariga lil Steve Morris għal dan ix-xogħol, fil-proċeduri ngħad li dan ma kienx imħarreġ apposta għall-materjali użati, u li addirittura dan kien kompetitur tas-soċjeta` attriċi, u tal-fornitur tagħha, għax huwa stess jimporta u jbiegħ prodotti alternattivi. Skond Peter Mallia, huwa stess żamm lil Fleri Soler milli jittermina l-inkarigu tiegħu minħabba pretensjonijiet eżorbitanti li għamlu miegħu d-diriġenti tas-soċjeta` konvenuta, filwaqt li dawn l-istess diriġenti jinsistu li l-inkarigu li laħaq ingħata Fleri Soler biex jiġi verifikat jekk in-nuqqas kienx fil-metodu tal-applikazzjoni tlesta, imma minħabba li t-tbajja' reġgħu ħarġu ma kienx hemm skop li jkompli x-xogħol fil-bqija tal-ambjenti.

It-Tribunal ikkunsidra bir-reqqa l-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet involuti f'din il-kwistjoni, u li tifforma parti mill-provi mressqa quddiemu. Wara li qies il-kontenut tagħha fil-kuntest ta` dak li ingħad quddiemu mix-xiehda, it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, il-materjali tal-*microcement* u taż-żebgħa provduti mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta, u li tagħhom qed titlob il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz, kellhom nuqqasijiet jew kienu difettużi. It-teżijiet tas-soċjeta` attriċi li l-ambjent kien umdu, jew li ma sarux ix-xogħlijiet preparatorji meħtieġa kif kellhom isiru biex jinqata` kull kuntatt mal-ilma, jew li l-applikazzjoni tal-materjali provduti minnha ma sarux sew, ma ġewx pruvati għas-sodisfazzjon ta` dan it-Tribunal.

It-Tribunal ma jemminx li t-terz li s-soċjeta` attriċi u *'The Little Shop'* inkarigaw biex japplika mill-ġdid il-materjali fuq l-art tal-kamra jew kmamar tal-banju tat-tielet sular, bħala parti mill-verifika, ma lestiex ix-xogħol, u li kien għalhekk li s-soċjeta` attriċi ma setax ikollha konklużjoni dwar in-nuqqasijiet jew xort'oħra fl-applikazzjoni li għamel Steve Morris. It-Tribunal huwa ta` din il-fehma mhux biss għaliex jemmen id-dikjarazzonijiet kuntrarji ta` Trevor Zahra u Natasha Borg f'dan ir-rigward, imma wkoll għaliex is-soċjeta` attriċi naqset li tressaq l-aħjar prova ta` din l-allegazzjoni tagħha bix-xiehda tat-terz inkarigat u mħallas minnha Robert Fleri Soler.

Dan kollu stabbilit, it-Tribunal ser jikkunsidra issa mill-ottika leġali t-talba tas-soċjeta` attriċi f'din il-kawża, u d-difiża li ressqet is-soċjeta` konvenuta biex tilqa' għal dik it-talba. Is-soċjeta` attriċi qed titlob ħlas ta` bilanċ ta` prezz ta` materjali mibjugħa u kkonsenjati minnha lis-soċjeta` konvenuta. Is-soċjeta` konvenuta ma tiċħadx li xtrat, u ħadet il-kunsinna, ta` dawn il-materjali, u li naqset li tħallas il-bilanċ tal-prezz tagħhom. Is-soċjeta` attriċi argumentat fis-sottomissjonijiet finali li, għal dan il-każ, japplika l-**art. 1390** tal-Kodiċi Ċivili, u li allura s-soċjeta` konvenuta kellha tressaq din id-difiża tagħha bil-mezz ta` kontro-talba.

F'dan il-kwadru ta` fatti, iqumu żewġ kwistjonijiet leġali: (i) jekk is-soċjeta` konvenuta setgħetx tiddefendi ruħha kontra t-talba għall-ħlas tal-bilanċ bid-difiża tan-nuqqas tal-kwalita` pattwita, bil-mezz biss ta` eċċezzjoni fir-Risposta tagħha; u (ii) f'każ affermattiv, u jekk dik id-difiża tiġi ppruvata, jekk dik id-difiża tistax tirnexxi fil-każ li s-soċjeta` konvenuta ma rrifjutatx il-konsenja tal-materjali difettużi u baqgħet izzommhom sallum.

Għal dawn iż-żewġ kwistjonijiet leġali, twieġeb il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. Kuntrarjament għal dak alleġat mis-soċjeta` attriċi, fis-sentenza **Emanuel Borg vs John Xuereb** (25.1.1989), il-Qorti tal-Appell iddikjarat ċar li din id-difiża tista` tirnexxi anke jekk titressaq biss bil-mezz ta` eċċezzjoni, u ma tittressaqx talba *ad hoċ* fir-rigward. Din il-linja ta` ħsieb baqgħet tiġi abbraċjata sa riċenti, fosthom fis-sentenza **L-Avukat Dr. John Refalo noe vs Francis Debrinċat & Sons Ltd et** (Qorti tal-Maġistrati (Malta), 21.1.2016).

Din l-aħħar sentenza ċitata tat riassunt tal-ġurisprudenza ximinndaqqiet kunfliġġenti dwar it-tieni diffikulta`, ċioe jekk id-difiża tistax tirnexxi meta x-xerrej ma jkunx irrifjuta l-materjal mibjugħ mal-konsenja. Kif qalet tajjeb dik il-Qorti, '*saż-żminijiet reċenti l-Qorti ta` l-Appell segwiet it-tifsira adottata f'dawk il-ġudikati li rritenew li biex ix-xerrej jeħles mir-rabta kontrattwali li kien daħal fiha li jakkwista l-oġġett mingħand il-venditur, fejn dak l-oġġett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond*

*il-kwalità imwiegħda, hu kellu jirrifjutaħ jew materjalment jew billi jiddepożitah taħt l-Awtorità tal-Qorti'.*

F'dan il-każ, pero`, minħabba n-nuqqas ta` tagħrif tekniku tas-soċjeta` konvenuta, din ċertament li ma kinetx f'qagħda tiddeċiedi jekk il-materjal konsenjat mis-soċjeta` attriċi kienx tal-kwalita` pattwita jew le, għaliex dik il-kwalita` setgħet tiġi verifikata biss mal-applikazzjoni tal-materjali. Filfatt, hekk ġara, u s-soċjeta` konvenuta lmentat mill-ewwel, meta ħarġu d-difetti wara l-applikazzjoni, li r-riżultat ma kienx jaqbel mal-kampjun muri lilha mis-soċjeta` attriċi, u li fuqu ddeċidiet li takkwista l-prodotti mingħandha. Eventwalment, meta deher ċar li s-soċjeta` attriċi, u l-fornitur tagħha, ma kinux f'qagħda jirrimedjaw għan-nuqqasijiet fir-riżultat, u li dawn in-nuqqasijiet ma kinux dovuti għal xi xogħol ħażin tal-appaltatur imqabbad fuq direzzjoni tal-istess soċjeta` attriċi, is-soċjeta` konvenuta talbet ripetutament li s-soċjeta` attriċi tibgħat lil min jaqla' l-materjali u jerġa' jġib l-uċuħ għal li kienu qabel sar ix-xogħol, pero` s-soċjeta` attriċi baqgħet ma għamlet xejn.

Għar-raġunijiet kollha hawn spjeġati, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta, u jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet imressqa minnha, jiċħad it-talba tas-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` attriċi.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**